# Gwida prattika għall-Premjijiet tal-UE għall-Produzzjoni Organika 2025

## 1. Il-proġett/in-negozju tiegħi huwa kandidat tajjeb għall-kompetizzjoni tal-Premjijiet tal-UE għall-Produzzjoni Organika?

### 1.1. X'qed tfittex l-UE f'din il-kompetizzjoni?

L-istituzzjonijiet, il-korpi u l-partijiet ikkonċernati tal-UE li jorganizzaw dawn il-premjijiet qed ifittxu proġetti/negozji eċċellenti, innovattivi, sostenibbli u replikabbli, li juru approċċi ġodda li jikkontribwixxu għat-tkabbir tas-settur organiku f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Iżvilupp tal-Produzzjoni Organika. L-iskema tal-premjijiet tinkludi sitt temi differenti u seba' premjijiet.

### 1.2. Liema huma s-sitt kategoriji tal-premjijiet/is-seba' premjijiet?

Is-sitt kategoriji tal-premjijiet/is-seba' premjijiet għall-2025 huma:

- Kategorija 1, L-aqwa bidwija organika u L-aqwa bidwi organiku[1]
- Kategorija 2, L-aqwa reġjun/bijodistrett organiku
- Kategorija 3, L-aqwa belt organika
- Kategorija 4, L-aqwa SME li tipproċessa ikel organiku[2]
- Kategorija 5, L-aqwa bejjiegħ bl-imnut tal-ikel organiku
- Kategorija 6, L-aqwa ristorant/servizz tal-ikel organiku[3]

### 1.3. X'inhu l-valur miżjud tal-premjijiet?

Il-premjijiet huma maħsuba biex jagħtu pubbliċità u viżibbiltà lil varjetà ta' proġetti u negozji fil-katina tal-ikel organiku billi jirrikonoxxu l-eċċellenza tagħhom.

### 1.4. Nista' nissottometti proġett li għadu qed jitħejja?

Le. Il-ġurija se tivvaluta l-applikazzjonijiet abbażi ta' kisbiet miksuba.

### 1.5. Il-proġett/in-negozju tiegħi huwa matur biżżejjed biex jiġi sottomess?

Il-ġurija se tivvaluta l-applikazzjonijiet abbażi tar-riżultati diġà miksuba.

Mhux se tkun tista' tippremja l-ideat innovattivi tiegħek f'każ li ma tkunx tista' tipprovdi evidenza li ġew implimentati.

### 1.6. Għandi bżonn inkun iċċertifikat organiku?

Fil-każ tal-involviment formali minn operatur fil-produzzjoni organika, fi kwalunkwe rwol (bidwi, proċessur, bejjiegħ bl-ingrossa, bejjiegħ bl-imnut, eċċ.), għandha tingħata evidenza ta' ċertifikazzjoni organika fl-applikazzjoni[4]. L-operaturi f'konverżjoni ma jistgħux japplikaw għall-premjijiet. L-offerta jew l-ipproċessar ta' oġġetti/prodotti f'konverżjoni ma jissodisfax il-kriterji għal dawn il-premjijiet.

---

[1] Tinkludi kemm it-trobbija bbażata fuq l-art kif ukoll l-akkwakultura
[2] Tinkludi dawk li jipproċessaw il-prodotti organiċi tal-akkwakultura
[3] Ristorant (waħdu jew parti minn lukanda) u/jew servizz tal-ikel (caterer jew canteen)
[4] F'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848

## 2. Kif nissottometti l-proġett/in-negozju tiegħi?

### 2.1. Kif taħdem fuq fuq?

Imla l-applikazzjoni online sal-iskadenza msemmija hawn taħt. Il-parteċipazzjoni hija bla ħlas.

### 2.2. Fejn nissottometti l-applikazzjoni?

Il-punt tat-tluq biex tapplika għal wieħed mill-premjijiet se jkun dan is-sit web:

https://ec.europa.eu/info/food-farming-fisheries/farming/organic-farming/organic-action-plan/eu-organic-awards_en

Is-sit web se jillinkja mal-formoli tal-applikazzjoni online għal kull wieħed mill-premjijiet. Se jitqiesu biss l-applikazzjonijiet kompluti (it-taqsimiet kollha mimlija) sottomessi permezz tal-pjattaforma online sad-data tal-iskadenza.

### 2.3. Meta hi d-data tal-iskadenza għas-sottomissjoni?

Il-Ħadd 27 ta' April 2025, 23:59:59 CET.

### 2.4. X'inhi l-iskeda taż-żmien tal-proċess tal-għoti tal-premjijiet?

Tnedija tal-perjodu ta' applikazzjoni għall-premjijiet: It-Tlieta 11 ta' Frar 2025

Skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet: Il-Ħadd 27 ta' April 2025, 23:59:59 CET.

Evalwazzjoni tal-premjijiet: Ġunju 2025

Ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet: It-Tlieta 23 ta' Settembru 2025

### 2.5. Min għandu jissottometti l-applikazzjoni?

L-applikazzjonijiet iridu jiġu sottomessi mill-promotur tal-proġett/tan-negozju (= organizzazzjoni/persuna bbażata fl-UE li hi/kienet responsabbli għall-implimentazzjoni tal-proġett/tan-negozju bbażat fl-UE). Il-kriterji ta' eliġibbiltà għal kull premju huma ddettaljati f'taqsima ddedikata f'dan is-sit web.

### 2.6. B'liema lingwa nista' nissottometti l-applikazzjoni?

Il-formola tal-applikazzjoni hija disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE. L-applikazzjoni tiegħek tista' tkun bi kwalunkwe lingwa tal-UE. Inħeġġuk tissottometti l-formola tal-applikazzjoni bl-Ingliż biex il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet tkun bla xkiel u f'waqtha. Kun af li f'każ li l-applikant ma jipprovdix traduzzjoni mil-lingwa oriġinali għall-Ingliż, il-ġurija se taħdem abbażi ta' traduzzjoni awtomatika sempliċi.

### 2.7. Nista' nibgħat l-applikazzjoni wkoll bl-email?

Le. Jekk jogħġbok irreferi għall-mistoqsija "Fejn nissottometti l-applikazzjoni?".

### 2.8. L-applikazzjoni trid tiġi sottomessa fi stadju wieħed?

Le. L-ewwel tista' tħejji abbozz ta' sottomissjoni u tissejvjah u mbagħad tiffinalizza u tibgħat l-applikazzjoni fi stadju aktar tard. L-applikazzjoni tkun finalizzata ladarba tikklikkja "issottometti".

### 2.9. Għaliex għandek bżonn tipprovdi l-ismijiet li tuża fuq il-media soċjali tiegħek?

Jekk il-proġett/in-negozju tiegħek jinsab fuq il-media soċjali (Facebook u/jew LinkedIn), jekk jogħġbok indika l-ismijiet u/jew il-hashtags li tuża fuq il-media soċjali tiegħek. Jekk tintgħażel, dawn se jintużaw għall-komunikazzjoni fuq il-media soċjali mill-organizzaturi.

### 2.10. X'jiġri ladarba l-applikazzjoni tiegħi tkun ġiet sottomessa?

Wara l-laqgħa u d-deċiżjoni tal-ġurija, nikkuntattjaw lill-finalisti u lir-rebbieħa kollha. Jekk ma tismax mingħandna sal-bidu ta' Settembru 2025, ikun ifisser li l-proġett tiegħek ma ntgħażilx għall-finali.

### 2.11. Lil min nista' nikkuntattja jekk ikolli xi mistoqsijiet?

Jekk jogħġbok ibgħat il-mistoqsijiet tiegħek dwar il-proċess tal-applikazzjoni permezz ta' email lil:

- Kategorija 1 – L-aqwa bidwija organika EUorganicawards@organicseurope.bio u L-aqwa bidwi organiku EUorganicawards@copa-cogeca.eu

- Kategorija 2 – L-aqwa reġjun/bijodistrett organiku, Kategorija 3 – L-aqwa belt organika: EUorganicawards@cor.europa.eu
- Kategorija 4 – L-aqwa SME li tipproċessa ikel organiku, Kategorija 5 – L-aqwa bejjiegħ bl-imnut tal-ikel organiku u Kategorija 6 – L-aqwa ristorant/servizz tal-ikel organiku: EUorganicawardsEESC@eesc.europa.eu

## 3. Kif jiġi vvalutat il-proġett/in-negozju tiegħi u x'jiġri wara?

### 3.1. Kif taħdem il-preselezzjoni tal-21 finalist?

Kull organizzazzjoni sieħba se teżamina l-applikazzjonijiet filwaqt li tqis il-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-għoti tal-premjijiet u tagħmel preselezzjoni ta' 21 finalist.

### 3.2 Kif jaħdem il-proċess ta' evalwazzjoni tal-ġurija?

L-applikazzjonijiet se jiġu eżaminati minn ġurija fid-dawl tal-kriterji tal-għoti tal-premjijiet. L-applikazzjonijiet li jissodisfaw l-ewwel fażi tal-evalwazzjoni (eliġibbiltà) biss se jiġu ammessi għat-tieni fażi (għoti tal-premjijiet mill-ġurija) u jiġu evalwati mill-ġurija.

### 3.2. Minn min hi magħmula l-ġurija?

Il-ġurija hi magħmula minn 7 membri nominati mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, mill-Kummissjoni Ewropea, mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, mill-Kumitat tar-Reġjuni, mill-IFOAM Organics Europe u mill-COPA-COGECA rispettivament. Il-membri jaħdmu f'timijiet (abbażi tal-għarfien espert tagħhom f'kategorija partikolari tal-premjijiet) iżda jieħdu d-deċiżjoni finali dwar il-finalisti u r-rebbieħa flimkien bħala grupp.

### 3.3. Kif inhi protetta d-data personali tiegħi?

Id-data personali tiegħek tiġi pproċessata skont l-informazzjoni ddedikata mtella' fis-siti web tal-Kummissjoni u tas-sħab relatati mal-premjijiet.

## 4. Jekk nintgħażel (finalist), x'se jkun imiss?

Għandek tkun taf li f'każ li l-applikazzjoni tiegħek tintgħażel fost il-finalisti, l-organizzaturi tal-premjijiet jippjanaw li jagħmlu pubbliċità dwar il-proġett/in-negozju tiegħek u se jkunu jeħtieġu xi materjal (stampi, siti web, ismijiet li tuża fuq il-media soċjali tiegħek eċċ) biex jagħmlu dan.

### 4.1. Liema rekwiżiti tekniċi għandhom jissodisfaw l-immaġnijiet?

Se tintalab tissottometti stampi b'riżoluzzjoni għolja li se jintużaw fuq diversi mezzi ta' komunikazzjoni, pereżempju f'materjali stampati, online u għal wirja, kemm matul kif ukoll wara l-kompetizzjoni nnifisha.

Idealment l-istampi għandu jkollhom riżoluzzjoni ta' mhux inqas minn 300 dpi u d-dokumenti ma jkunux ikbar minn 10 MB. Is-sħab se jikkuntattjawk f'dak ir-rigward.

**4.3. X'jiġri jekk inkun finalist iżda mhux rebbieħ?**

Il-finalisti se jiġu kkuntattjati sa mhux aktar tard mill-10 ta' Settembru 2025. Il-materjal ta' komunikazzjoni sottomess mal-applikazzjoni tal-finalisti jista' jintuża mill-Kummissjoni għal finijiet ta' komunikazzjoni. Fir-rigward tal-possibbiltà li l-finalisti jattendu ċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet, dan jiddependi mid-daqs tal-kamra allokata għall-avveniment – peress li dan jista' jinbidel minn sena għal oħra. Madankollu, jekk ikun possibbli li jiġu mistiedna l-finalisti, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-ispejjeż relatati tagħhom ma jiġux rimborżati.

**4.4. X'jiġri jekk il-proġett/in-negozju tiegħi jirbaħ?**

Ir-rebbieħa kollha se jiġu kkuntattjati mhux aktar tard mill-bidu ta' Awwissu 2025. Il-Kummissjoni Ewropea se tistieden[5] lir-rebbieħa għal ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet ddedikata fi Brussell fit-23 ta' Settembru 2025, meta jiġi ċċelebrat ukoll il-Jum Organiku tal-UE (fit-23 ta' Settembru ta' kull sena). Il-kostijiet għall-parteċipazzjoni (ta' persuna waħda li tirrappreżenta r-rebbieħ għal kull kategorija) f'dan l-avveniment jitħallsu mill-Kummissjoni. Mhu previst ebda premju ta' flus.

**4.5. X'inhu previst f'termini ta' komunikazzjoni rigward il-proġett/in-negozju rebbieħ tiegħi?**

Jekk ikollhom, ir-rebbieħa għandhom jipprovdu lill-organizzaturi tal-premjijiet b'materjal awdjoviżiv.

Se jsir film qasir dwar il-proġett/in-negozju rebbieħ tiegħek. Għalhekk, ir-rebbieħa u l-proġetti/in-negozju tagħhom se jiġu rrekordjati fuq video matul Lulju (u Awwissu). Ir-rebbieħa għandhom jipprevedu xi żmien għall-intervisti. Ir-rebbieħa se jkollhom l-opportunità jippreżentaw il-proġett/in-negozju rebbieħ tagħhom waqt avveniment għall-istampa. Jekk ikunu jixtiequ, ir-rebbieħa jistgħu jġibu wkoll bi spejjeż tagħhom xi wħud mill-prodotti tagħhom (ipproċessati) biex jintwerew fiċ-ċerimonja. Ikklikkja hawnhekk biex tara l-videos tar-rebbieħa tal-2024.

Il-materjali sottomessi bħala parti mill-applikazzjoni, l-intervisti bil-video, u kwalunkwe materjal ta' komunikazzjoni prodott b'rabta mal-avveniment jistgħu jintużaw mill-Kummissjoni u s-sħab kollha tal-premjijiet għal finijiet ta' komunikazzjoni.

[5] Jekk is-sitwazzjoni (sanitarja jew oħra) tippermetti